

# Il-Marjanoloġija fil-Parroċċa ta' San Ġorġ Martri Ħal Qormi

**Marouska Bonnici B.A.(Hons)**

Hekk kif wieħed jidħol fil-Knisja Arċipretali u Arċimatriċi ddedikata lil Alla l-Imbierek taħt il-patroċinju ta' San Ġorġ Martri, ma jistax ma jintlaqatx mid-devozzjoni qawwija lejn il-Verġni Imbierka. Huma bosta l-festi speċjali li din il-parroċċa tiċċelebra ad unur Ommna Marija matul is-Sena Liturġika. Kull meta nidħol f'dik il-knisja, ġawhra tal-arkitettura, mhux biss nintlaqat mill-indafa tat-tempju u mid-dinjità kif inkunu organizzati l-funzjonijiet liturġiċi, imma nintlaqat b'kemm il-Qriema għandhom devozzjoni ħajja lejn Omm il-Ħolqien kollu.

**Knejjes u Kappelli**

Jekk wieħed iħares lejn il-kappelli b'titlu Marjan li nsibu mxerrda mat-territorju parrokkjali ta' waħda mill-eqdem parroċċi ta' pajjiżna, wieħed jiltaqa' mal-knisja ta' Marija Bambina, Santa Marija fl-inħawi tal-Blat, Santa Marija "ta' Qrejċa" u s-Santwarju tal-Madonna "tal-Ħlas", santwarju f'qalb mhux biss ir-residenti, imma wkoll għal qalb bosta Maltin u Għawdxin li xi darba jew oħra jippruvaw iwettqu żjara f'dan il-post silenzjuż imma mogħni bi storja u devozzjoni liema bħalhom.

**Kappelluni u Altari**

Lura lejn il-knisja Ġorġjana, b'ħarsa lejn il-kappelluni ta' maġenb l-altar maġġur, ninnutaw erba' altari bi tlieta minnhom b'dedika lil Ommna Marija, u ieħor lejn episodju fil-ħajja ta' Ommna Marija. Il-kappelluni huma ddedikati lill-Madonna tar-Rużarju li bħal bosta parroċċi oħra, fl-Ewwel Ħadd t'Ottubru tinħareġ proċessjonalment, u l-Gandlora – il-Preżentazzjoni tal-Mulej fit-tempju u l-Ewwel Dulur tal-Madonna, meta Xmun ħabbar li:

> Ara! Dan se jġib il-waqgħa u l-qawmien ta' ħafna f'Israel;
> se jkun sinjal li jmeruh – u inti wkoll, sejf jinfidlek ruħek!
> L-Evanġelju skont San Luqa, Kapitlu II, Versi 34 – 35

L-altar fil-kappellun tal-Madonna tar-Rużarju għandu wkoll titlu Marjan – Marija Addolorata u jintrama kemm għall-festi liturġiċi tal-Eżaltazzjoni tas-Salib Imqaddes nhar l-14 ta' Settembru, Marija Addolorata nhar il-15 ta' Settembru u l-istess festa, ġimgħa qabel il-Ġimgħa l-Kbira. L-altar fil-kappellun tal-Gandlora huwa ddedikat lill-Immakulata Kunċizzjoni u jintrama għall-festa liturġika ta' nhar it-8 ta' Diċembru, bl-istatwa tal-Immakulata tintrama fuq gradenzina fuq il-presbiterju għall-jiem tan-Novena u l-festa liturġika.

Fin-navi tan-naħa tal-kappellun tal-Madonna tar-Rużarju hemm erba' altari oħra, ilkoll b'titlu Marjan. Jekk nibdew min-naħa tal-kappellun, insibu l-altar ta' Marija Annunzjata, li jintrama għas-solennità tal-25 ta' Marzu, il-Madonna tal-Karmnu li jintrama għat-tifkira tas-16 ta' Lulju, il-Madonna taċ-Ċintura, li miegħu hemm marbuta fratellanza, u minbarra fil-festa liturġika tal-4 ta' Settembru, jintrama għall-festa tal-Konfraternità tal-Madonna taċ-Ċintura, li tkun iċċelebrata fit-tielet jew ir-raba' Ħadd ta' Settembru, u finalment l-altar tal-Madonna tal-Grazzja li jintrama wkoll għat-tifkira tat-12 ta' Settembru.


*L-Altar tal-Madonna taċ-Ċintura armat għall-festa*

Barra minn dan, matul is-sena liturġika jsiru bosta funzjonijiet Marjani, mhux biss dawk illi għandhom fratellanza torganizzahom, bħall-festa tal-Madonna taċ-Ċintura u l-Madonna tar-Rużarju, imma anke festi li tiċċelebrahom kull knisja, imma jkunu ċċelebrati anke bl-armar tal-Altar Maġġur u l-istatwa tal-festa partikolari. Hekk isir għall-festa ta' Santa Marija, li tintrama fuq il-presbiterju, il-Madonna ta' Lourdes, li għall-festa liturġika tal-11 ta' Frar tintrama wkoll fuq l-altar tal-Madonna tad-Duluri.


*Santa Marija*

## Vari Proċessjonali

Fil-Knisja Arċipretali nsibu tliet vari proċessjonali bi xbieha ta' Ommna Marija. Tnejn minnhom joħorġu proċessjonalment u oħra le. Ħarsa lejn il-kapolavur li għandna tal-Madonna taċ-Ċintura naraw li jingħad li l-vara nħadmet għall-parroċċa ta' Santa Katarina V.M. taż-Żurrieq, iżda għal xi raġunijiet, fis-Seklu Dsatax sabet il-bibien tal-parroċċa tagħna miftuħin beraħ jilqugħha. Maż-żmien sarulha diversi proġetti ta' restawr, induratura u kkonservar, bl-aħħar wieħed ikun fl-2011, biex illum, l-istatwa u l-pedestall qegħdin jitgawdew bl-aqwa mod.

Il-vara proċessjonali tal-Madonna tar-Rużarju hija xogħol mill-isbaħ ta' Karlu Darmanin, u nħadmet fil-kartapesta fl-1860. Fit-23 ta' Jannar 1862, l-Isqof Agostinjan Gaetano Pace Forno ta digriet li fih, kull min jgħid b'devozzjoni "Salve Regina" quddiem din l-istatwa, igawdi minn 40 jum ta' indulġenza. Qabel l-istatwa preżenti kien hemm vara oħra, tal-injam, illi kienet l-ewwel vara proċessjonali għal Ħal Qormi. Sfortunatament, din il-vara ma nafux x'sar minnha. Fl-imgħoddi – jien ma niftakarx – imma xi anzjani jsemmu, f'Mejju kienet issir purċissjoni oħra b'din l-istatwa, iddedikata lill-Madonna tal-Warda.

Barra minn hekk, sabiex tissaħħaħ id-devozzjoni, fil-Knisja Arċipretali, matul ix-xahar ta' Ottubru kollu, jingħad ir-Rużarju Meditat quddiem Ġesu` Sagramentat, kif ukoll nhar is-7 ta' Ottubru, il-jum liturġiku tal-Madonna tar-Rużarju, quddiem l-istatwa tal-Madonna tar-Rużarju li tinsab fi Triq San Pietru, jingħad ir-Rużarju u ssir quddiesa kantata. Tabilħaqq tradizzjonijiet spiritwali u soċjali li ta' min jieħu ħsiebhom u jikkultivahom!

Fl-1894, Karlu Darmanin ħadem l-istatwa tal-Immakulata Kunċizzjoni għall-parroċċa tagħna wkoll. Fil-festa titulari ta' San Ġorġ Martri, fl-Aħħar Ġimgħa ta' Ġunju, din il-vara proċessjonali tintrama fin-niċċa tal-vara titulari filwaqt li matul is-sena tkun fil-kappellun tal-Madonna tar-Rużarju. Hija statwa mill-isbaħ, u jkun jixraq illi jsirilha intervent ta' restawr, forsi min jaf, għad ikollna x-xorti nerġgħu narawha barra fit-toroq? Forsi tgħaddi minn xi toroq li rarament tgħaddi purċissjoni minnha? Min jaf? Forsi xi darba, dan il-kapolavur għad nerġgħu ngawduh magħna. L-aħħar li ħarġet din il-vara proċessjonali kien f'Mejju 2010 f'pellegrinaġġ Marjan li sar bejn iż-żewġ parroċċi Qriema.



*L-Immakulata Kunċizzjoni*

Barra minn dan kollu, insibu bosta teki u relikwiji sinonimi mal-Verġni Mqaddsa Marija. Apparti dawn il-vari proċessjonali biex ngħidu hekk "ferrieħa" nsibu l-figura ta' Ommna Marija preżenti wkoll f'erba' vari proċessjonali tal-Ġimgħa l-Kbira f'beltna: Ir-Raba' Stazzjon tal-Via Sagra: Ġesù jiltaqa' ma' Ommu Marija, il-Vara l-Kbira, id-Depożizzjoni, li aħna l-Qriema nsejħulha "d-Duluri l-Kbira" u d-Duluri, jew kif insibuha, "id-Duluri x-Xiħa", li toħroġ proċessjonalment, bħal kważi l-parroċċi kollha ta' pajjiżna, minbarra fil-Ġimgħa l-Kbira, anke ġimgħa qabel, fil-festa devozzjonali ta' Marija Addolorata.



*Il-Madonna tar-Rużarju*

Nagħlaq billi nsellmilkom u nittama li sibtu dan l-artiklu ta' interess. Nawguralkom il-festa t-tajba mimlija ferħ u barka ta' Ommna Marija, l-Immakulata Kunċizzjoni kif ipproklamat fid-Domma tal-Immakulata fl-1854, ikkonfermat minn fomm Ommna Marija f'Lourdes, lil Santa Bernardina, fl-1858.